**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 116/2017 CFF**

**Agricultural Co-Operative Limited**

**Vs**

**Cleaning and Security Services Limited**

**Illum 23 ta' Jannar, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' attrici. fejn talbet sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma bilancjali ta' erbatax-il elf, disa' mija u hamsa u ghoxrin Ewro u dsatax-il centezmu (€14,925.19) rapprezentanti, bilanc minn ammont ikbar rapprezentanti arretrati ta' kirjiet u kontijiet ta' servizzi relattivi ghal fond ai termini tal-pattijiet u kundizzjonijiet miftiehma fl-iskrittura ta' kirja datata 12 ta' Dicembru, 2013 (vide kopja tal-iskrittura u Statement tal-bilanc dovut annessi).

Bl-ispejjez kollha inkluz l-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-Rikors kif ukoll tal-Ittra Ufficjali Numru 658/16 u bl-imghax legali mid-data tal-Ittra Ufficjali Numru 658/16 kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li s-socjeta' konvenuta giet notifikata fis-6 ta' Settembru, 2017 pero' la dehret u lanqas ipprezentat risposta fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 2018.

Rat li fl-istess seduta, is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta.

Rat li fis-seduta sussegwenti tat-23 ta' Jannar, 2018, is-socjeta' konvenuta msejha tlett darbiet regghet naqset li tidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta' attrici ghandha titqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma bilancjali ta' erbatax-il elf, disa' mija u hamsa u ghoxrin Ewro u dsatax-il centezmu (€14,925.19) bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-Rikors kif ukoll tal-Ittra Ufficjali Numru 658/16 u bl-imghax legali mid-data tal-Ittra Ufficjali Numru 658/16 kontra s-socjeta' konvenuta sad-data tal-pagament effettiv.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**